

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tad-9 ta' Lulju 2015 – Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-360/14 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Direttiva 2009/48/KE — Sigurtà tal-ġugarelli — Valuri ta' limitu għaċ-ċomb, għall-barju, għall-arseniku, għall-antimonju, għall-merkurju, għan-nitrosammini u għas-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tapprovax totalment id-dispożizzjonijiet nazzjonali nnotifikat mill-awtoritajiet Ġermaniżi li jżommu fis-seħħ il-valuri ta' limitu għal dawn is-sustanzi — Prova ta' livell ta' protezzjoni għola għas-saħħa tal-bniedem mogħti mid-dispożizzjonijiet nazzjonali)*

(2015/C 294/20)

Lingwa tal-proċedura: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Appellanti:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze u A. Lippstreu, aġenti, assistiti minn U. Karpenstein, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Mihaylova, M. Patakia u G. Wilms, aġenti)

**Dispożittiv**

- 1) *L-appell huwa miċħud.*
- 2) *Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 315, 15.9.2014.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-30 ta' Ġunju 2015 – Evropaiki Dynamiki – Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-575/14 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Klawżola ta' arbitraġġ — Kuntratt marbut mal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea mogħtija lil proġett fil-kuntest tal-programm eContent — Rexissjoni tal-kuntratt mill-Kummissjoni Ewropea — Pagament tas-somom mhux imħallsa u kumpens għad-dannu allegatament imġarrab mir-rikorrenti — Żnaturament tal-elementi tal-proċess — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u manifestament infondat għall-bqija — Talba li tinbidel id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea dwar l-ispejjeż — Inammissibbiltà manifesta)*

(2015/C 294/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Appellanti:* Evropaiki Dynamiki – Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (rappreżentanti: M. Sfyri u I. Ampazis, dikigoroj)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Cappelletti u S. Delaude, aġenti)

**Dispożittiv**

- 1) *L-appell huwa miċħud.*
- 2) *Evropaiki Dynamiki – Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE hija kkundannata għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 65, 23.2.2015.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-18 ta' Mejju 2015 – combit Software GmbH vs Commit Business Solutions Ltd**

**(Kawża C-223/15)**

(2015/C 294/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: combit Software GmbH

Konvenuta: Commit Business Solutions Ltd

**Domandi preliminari <sup>(1)</sup>**

Liema konsegwenzi jirriżultaw, għall-eżami tal-probabbiltà ta' konfużjoni ta' trade mark Komunitarja verbali, mis-sitwazzjoni fejn, mill-perspettiva tal-konsumatur medju ta' parti mill-Istati Membri, ix-xebh fonetiku tat-trade mark Komunitarja ma' denominazzjoni oħra li hija kkritikata li tikser it-trade mark Komunitarja huwa nnewtralizzat permezz ta' differenza kunċettwali, filwaqt li mill-perspettiva tal-konsumatur medju ta' Stati Membri oħra ma huwiex:

- a) Għall-eżami tal-probabbiltà ta' konfużjoni hija determinanti l-perspettiva tal-konsumatur medju ta' parti mill-Istati Membri jew il-perspettiva tal-konsumatur medju tal-parti oħra jew inkella l-perspettiva ta' konsumatur medju fittizju tal-Istati Membri kollha
- b) Jeżisti ksur tat-trade mark Komunitarja għat-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea meta teżisti probabbiltà ta' ksur biss fparti minn dan it-territorju, jew għandha ssir differenzazzjoni bejn l-Istati Membri individwali?

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 78, p. 1).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fid-19 ta' Mejju 2015 – Minister Finansów vs Jan Mateusiak**

**(Kawża C-229/15)**

(2015/C 294/23)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Qorti tar-rinviju**

Naczelny Sąd Administracyjny

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Minister Finansów

Konvenut: Jan Mateusiak.